

***Proġett***

# "Id-Diġitalizzar u l-Organizzar tal-Arkivju Mużikali tal-Għaqda Mużikali Imperial"

Matul l-2022, l-Għaqda Mużikali Imperial wettqet b'suċċess proġett ieħor sabiex tkompli tissalvagwardja l-patrimonju tagħha. Wara li fl-2020-2021 ħadna ħsieb li nippreservaw u narkivjaw b'mod professjonali d-dokumenti storiċi u importanti tal-għaqda tagħna sa mill-bidu tagħha sabiex dawn ma jkomplix jiġrilhom iktar ħsara, bħala parti mill-proġett "Nippreservaw u nikkomunikaw l-Istorja tal-Għaqda" fl-iskema "Voluntary Organisations Projects Scheme 2021" amministrata mill-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju, tul l-aħħar sena kien imiss li ndawru ħarsitna lejn l-arkivju mużikali tal-għaqda. Tul is-snin li ilha mwaqqfa, il-Banda Imperial ġabret u esegwiet patrimonju ta' mużika li tvarja minn dik operistika sa dik moderna, miktuba minn kompożituri lokali u internazzjonali, b'ġeneri differenti li jinkludu, fost oħrajn, marċi brijużi u oħrajn funebri, sinfoniji u overtures, mużika reliġjuża u oħra minn musicals, u mużika tradizzjonali Maltija u ta' pajjiżi varji.

Tul dan il-proġett, iż-żgħażagħ fi ħdan l-għaqda tagħna, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg u d-Direttur tal-għaqda, is-Sur Clayton Vella, kellhom biċċa xogħol sabiex jiġbru l-mużika kollha li kienet merfugħa f'postijiet differenti u jorganizzawha bl-aħjar mod possibbli. Din il-mużika ġiet ikkatalogata kollha fuq database elettronika sabiex tkun iktar aċċessibbli għall-ħtiġijiet tal-Banda u l-Kor Imperial. Id-database issa tinkludi l-isem ta' kull biċċa mużikali, il-kompożitur u/jew arranġatur, il-ġeneru tal-mużika u dettalji oħra relevanti. Din il-mużika ġiet arkivjata fil-kamra tal-arkivju tal-każin b'mod organizzat u metikoluż sabiex ma ssirilhiex iktar ħsara u fl-istess waqt tkun tista' tintuża meta jkun hemm il-bżonn. Għal dan il-għan, investejna wkoll fi xkaffar ġdid sabiex ikun jista' jilqa' l-mużika b'mod adekwat. Fl-istess waqt, ħsibna sabiex il-partitura tas-surmast tkun merfugħa wkoll b'mod diġitali sabiex ma jkunx hemm il-ħtieġa li wieħed jirrikorri għall-kopja pprintjata sabiex ikun jaf il-mużika x'fiha u x'ma fihiex. Dan sabiex tonqos il-ħtieġa li wieħed joqgħod iċaqlaq din il-mużika bla bżonn.



*Dan il-proġett ġie ffinanzjat permezz tal-iskema Small Initiatives Support amministrata mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat f'isem il-Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur.*

*Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-veduti u l-ħsibijiet tal-pubblikaturi/awturi u l-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat ma jistax jinżamm responsabbli għall-kontenut jew għall-użu li jista' jsir minn dan l-istess kontenut.*

Malta Council for the VOLUNTARY SECTOR

Small Initiatives Support Scheme

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR INCLUSION, VOLUNTARY ORGANISATIONS AND CONSUMER RIGHTS